# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 567

L-Erbgħa, 20 ta' Diċembru, 2023

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta' Kerċem, f'12pm.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Horace Vella – Kunsillier
Alvin Grech – Kunsillier
Abigail Micallef – Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ

SKUŻATI:
Paul Mizzi- Viċi Sindku
Frankie Attard – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjieda l-Laqgħa.

## 567.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

Is-Sinjuri Paul Mizzi u Frankie Attard talbu li jiġu skużati minħabba raġunijiet ta' xogħol. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

## 567.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Inqraw il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 567.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

567.3.1 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill illi għal darb'oħra ser terġa' tingħata l-ikla tal-Milied lill-anzjani li joqogħdu waħedhom ġewwa djarhom. Din ser tiġi organizzata flimkien mar-Reġjun t'Għawdex.

567.3.2 Irċevejna l-insurance għall-attivitajiet tal-Milied.

567.3.3 Ġejna infurmati illi għall-proġett t'Għar Ilma irridu nqabbdu Project Supervisor u għalhekk ser naraw lil min nistgħu ngħidu li jista' jagħmel dan ix-xogħol.
Dwar ir-restawr tal-għajn ta' Għajn Tuta baqa' li jitwaħħlu l-bollards u jingħalaq il-proġett.

567.3.4 Mir-reġjun t'Għawdex baqa' xi fondi li nistgħu nużawhom fuq proġetti ta' kultura. Għalhekk ġie deċiż li ssir attività f'għeluq il-mitt sena tal-fondazzjoni tal-iskola Primarja Ta' Kerċem. Se ssir attività taħt it-tinda u ħa nġibu lil Father Christmas, lill-Pulizija bis-segways u l-muturi fost oħrajn.

567.3.5 Min-naħa tar-Reġjun t'Għawdex kellna Eur25,000 li konna se nużawhom fuq il-proġett ta' Qasam san Ġorġ. Madanakollu ir-Reġjun irid jagħlaq dawn il-proġetti u għalhekk ma nistgħux nużawhom fuq dan il-proġett. Ġie deċiż li dawn il-fondi jintużaw biex inħallsu xi xogħlijiet extra li kienu saru fi Triq Santa Katerina tal-Qabbieża fuq Miżura 4.3. Għamilna talba lir-Reġjun ta' Għawdex sabiex isir hekk u ġiet aċċettata.

567.3.6 Dwar il-kartolina tal-Milied intgħażlu tnejn, jiġifieri waħda minn kull skola primarja ġewwa Ta' Kerċem, ġew ipprintjati u qed jitqassmu madwar ir-raħal.

567.3.7 Dwar il-proġett il-ġdid taħt Miżura 3 kellna nagħmlu talba biex tinbidel id-data tal-attivita'. Id-data l-ġdida se tkun 24 ta' Awwissu 2024. Din ġiet approvata u ser toħroġ l-offerta għaliha dalwaqt.

567.3.8 Dwar il-permess PA/6833/22 – Site off, L-Ghadira ta' San Raflu, ġejna infurmati illi ġie approvat min-naħa tal-Awtorita' tal-Ippjanar.

567.3.9 Is-sindku semma in-nominazzjonijiet il-Gozo Tourism Awards 2023. huwa qal illi

huwa tal-idea li napplikaw bl-attivita ta' Symphony of Lights peress li din hija attività li qed tiġbed ħafna nies sena wara l-oħra. Ġie deċiż li jsir hekk.

567.3.10 Irċevejna min-naħa tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Data Protection Officer. Peress il-Kunsill bħalissa m'għandux DPO, id-Dipartiment infurmana illi dan jista' jsir mill-impjegati tal-Kunsill Lokali u għalhekk se ngħidu l-Assistent Prinċipal sabiex jagħmel il-kors.

567.3.11 Wara li l-Kunsill kien applika għal bozza ġdida fi Triq San Niklaw, din ġiet rifjutata min-naħa tal-Enemalta peress li fit-triq m' hemmx linja tad-dawl.

## 567.4 Skema SPI/SCI/06/2023 – Korsijiet Lifelong Learning 2024/2025

Is-Sindku huwa tal-idea li napplikaw għall-kors *English as a foreign language* peress li kellna diversi talbiet sabiex isir mill-Kunsill Lokali. Il-membri tal-Kunsill qablu ma' dan.

## 567.5 Skema SPI/SCI/10/2022 – Żvilupp ta' Latrini Pubbliċi Awtomatiċi

Dwar din l-iskema se noħorġu l-offerta fil-jiem li ġejjin.

## 567.6 Sebbaħ il-Lokal - PA

Irċevejna min-naħa tal-Awtorità tal-Ippjanar illi l-iskema Sebbaħ il-Lokal għadha miftuħa u l-Kunsilli li ma bbenefikawx minnha jistgħu jibbenefikaw minn €50,000. Ġie deċiż illi napplikaw sabiex nużawhom fuq il-proġett ta' Triq Qasam San Ġorġ minflok il-fondi tar-Reġjun.

## 567.7 Ilmenti u Suġġerimenti

567.7.1 Il-Kunsillier Horace Vella semma li hemm toqba f'tarf ta' Triq l-Għadira. Is-Sindku nfurmah illi diġà kellimna lill-Ministeru għal Għawdex peress li din trid titqaxxar tinghata bis-sega u terġa timtela' tajjeb.

567.7.2 Daħlet talba sabiex jitranġa ħajt fi Triq tal-Għadira peress li huwa mwaqqa'. Ħa nagħmlu talba mill-Ministeru għal Għawdex sabiex jitranġa min-naħa tagħhom.

## 567.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 567.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-Laqgħa ntemmet fis-1.00pm u ġiet aġġornata għas-17 ta' Jannar, 2024 f'12pm.

Is-Sindku fl-għeluq tal-laqgħa, awgura l-Milied it-tajjeb u s-sena t-tajba lir-residenti kollha u lill-Kunsill Lokali kollu.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Mario Azzopardi<br>Sindku | Marianne Sagona<br>Segretarju Eżekuttiv |